MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2008

Numru. 128/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Marisa Camilleri)**
**(Spettur Anthony Cachia)**

**VS**

**Massimo Tivisini ID228393(M) ta' 39 sena bin Paolo u Rosaria Grazia nee` Corso mwieled Ruma (Italja) fil-05/12/1968 u residenti Austin, Triq Kent, Fgura.**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Massimo Tivisini u cioe` talli fit-18 ta' Frar 2008, ghal habta ta' 7.30 a.m. bla ordni skond il-ligi ta' awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Eleonora Camilleri kontra l-volonta` taghha, aktar talli:

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Eleonora Camilleri li tibza li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra il-propjeta` taghha, aktar talli:

Fl-istess data, hin lok u cirkostanzi hebb kontra Eleonora Camilleri sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lill istess persuna, aktar talli;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza publika kontra PS238 Carter Michael, WPS 258 Valletta Bernardette u PC1537 Falzon Paul waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi min awtorita kompetententi, aktar talli:

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal kliem oxxen u dagha fil-pubbliku, aktar tali;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kisser volontarjament il-bon ordni u l-kwiet publiku b'ghajjat u glied.

U aktar talli fl-istess data u granet qabel gab ruhu b'mod lit a fastidju li Eleonora Camilleri b'mod li kien jaf jew missu li kien jaf lid an kien ta' fasidju ghall-istess Eleonora Camilleri.

U aktar talli sar recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti.

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja tat-18 ta'Frar, 2008.

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess.

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni maghmulha mill-imputat seduta stante kif ukoll fid-dawl tal-provi migjuba mill-prosekuzzjoni il-Qorti  ma tistax hlief issib lill-imputat hati

ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu ghajr ghall-ahhar akkuza tar-recidiva u dana peress illi l-prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova dwar l-istess.

Illi dwar il-piena l-Qorti sejra tiehu in-konsiderazzjoni l-ammissjoni ta’ l-imputat  kif ukoll il-fatt illi l-imputat iddispjacieh ghal dak illi ghamel u diga ghamel zmien fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin taht arrest preventiv.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 86, 96, 339(1)(d), 338(dd), 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ahhar akkuza tar-recidiva, issibu hati tal-kumplament ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta’ sitt (6) xhur prigunerija li fid-dawl tal-kosiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, dan il-perjodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qieghda twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul l-perijodu operattiv ta’ dina s-sentenza.

Finalment il-Qorti qed torbot lill-hati ai termini ta’ l-artikolu 338 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex bl-ebda mod ma javvicina jew ikellem lil PC238 Michael Carter, WPS258 Valletta Bernardette, PC1537 Paul Falzon u b’mod specjali lil Eleonora Camilleri u dan taht penali ta’ €2300 ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------